31998R2366

L 293/50 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.10.1998

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2366/98

tat-30 ta' Ottubru 1998

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa għas-snin tal-*marketing* 1998/99, 1999/2000 u 2000/01

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1638/98 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1638/98 ta' l-20 ta' Lulju 1998 li jemenda r-Regolament Nru 136/66/KEE dwar it-twaqqif ta' organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet, u b'mod partikolari l-Artikoli 2(4) u 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2261/84 tas-17 ta' Lulju 1984 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar l-għoti ta' għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u ta' għajnuna lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi taż-żejt taż-żebbuġa ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1639/98 ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi l-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 jistipula għat-tqegħid ta' dikjarazzjoni tal-ħsad; billi ċerti kunċetti bħal dak ta' "siġar taż-żebbuġ fil-produzzjoni" għandhom jiġu mfissra b'mod preċiż, u l-kontenut u l-iskeda tan-notifikazzjonijiet tal-produtturi għandhom jiġu stabbiliti, sabiex tiġi żgurata konoxxenza aġġornata tas-settur tal-produzzjoni taż-żejt u sabiex titjieb din il-konoxxenza qabel il-bidu tas-sena ta' produzzjoni 2001/02, meta hemm ippjanat li tiġi introdotta riforma;

Billi sabiex tiġi evitata ħsara serja lill-bilanċ tas-suq, l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1638/98 jistipula li l-ebda għajnuna taħt l-ebda skema fis-seħħ mill-1 ta' Novembru 2001 ma tista' tiġi mħallsa fir-rigward ta' siġar taż-żebbuġ imħawla wara l-1 ta' Mejju 1998 ħlief b'konnessjoni mal-konverżjoni ta' masġar qadim taż-żebbuġ jew ma' programm approvat mill-Kummissjoni; billi l-kunċett ta' "siġar taż-żebbuġ addizzjonali" u "msaġar ġodda" għandu għalhekk jiġi mfisser, kif għandhom l-arranġamenti rilevanti għad-dikjarazzjoni, identifikazzjoni u approvazzjoni; billi l-programmi għat-tħawwil addizzjonali għandhom jispeċifikaw in-numru ta' siġar taż-żebbuġ li jkunu mietu jew nħarqu li jkunu jistgħu jiġu sostitwiti mingħajr ma' jkun hemm żieda fil-produzzjoni globali;

Billi sakemm isir eżami fil-fond tal-metodi użati fil-preżent mill-Istati Membri, huwa meħtieġ li tittawwal l-applikazzjoni fis-sena tal-ħsad 1998/99 tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3061/84 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema għall-għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa ([5]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2455/97 ([6]);

Billi għall-finijiet ta' l-approvazzjoni, l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 jeħtieġ li s-sidien ta' l-imtieħen iħarsu ċerti kondizzjonijiet; billi l-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni introdotti għandhom ikunu tali sabiex jiżguraw arranġamenti effettivi ta' kontroll; billi l-imtieħen għandhom ikunu mgħammra b'apparat għall-użin awtomatiku ta' lottijiet ta' żebbuġ li jidħlu fil-mitħna; billi l-informazzjoni rrekordjata għandha tinkludi l-partikolaritajiet tad-destinazzjoni taż-żejt li joħroġ mill-mitħna;

Billi skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84, kull Stat Membru produttur għandu japplika sistema ta' kontrolli sabiex jiżgura li l-prodott li għalih tingħata l-għajnuna jkun intitolat għal dik l-għajnuna; billi konsegwentement l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom jinkludu l-partikolaritajiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dik is-sistema; billi għal dak l-għan, ċerti obbligazzjonijiet għandhom jiġu imposti fuq il-produtturi taż-żebbuġ u fuq organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom;

Billi dawk li jkabbru ż-żebbuġ jistgħu jkollhom iż-żebbuġ tagħhom magħsur fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-produzzjoni; billi bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni korretta ta' l-iskema ta' l-għajnuna, għandha ssir dispożizzjonii għall-kollaborazzjoni amministrattiva bejn l-Istat Membru fejn iż-żejt jinkiseb u l-Istat Membru ta' l-oriġini taż-żebbuġ;

Billi l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex tiġi stabbilita l-kwantità eliġibbli għall-għajnuna għandhom jiġu mfissra; billi għandhom jiġu imposti regoli sabiex tiġi stabbilita l-kwantità eliġibbli għall-għajnuna f'każijiet fejn il-kwantità li għaliha tkun intalbet l-għajnuna u/jew in-numru ta' siġar indikati fid-dikjarazzjoni tal-ħsad ma tkunx tista' tiġi vverifikata u/jew ma tistax tiġi aċċettatata meta l-kontrolli jiġu effettwati;

([1]) ĠU C 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
([2]) ĠU L 210, tat-28.7.1998, p. 32.
([3]) ĠU L 208, tat-3.8.1984, p. 3.
([4]) ĠU L 210, tat-28.7.1998, p. 38.
([5]) ĠU L 288, ta'l-1.11.1984, p. 52.
([6]) ĠU L 340, tal-11.12.1997, p. 26.

Billi sakemm isir eżami fil-fond ta' l-iskema kif preżentement fis-seħħ, huwa meħtieġ li tiġi mtawla l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3061/84 li għandu x'jaqsam ma' l-għarfien ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, u l-arranġamenti sabiex jiġu ffinanzjati fuq il-bażi ta' għajnuna miżmuma skond l-Artikolu 20d tar-Regolament Nru 136/66/KEE;

Billi l-Artikolu 2 tar-Regoloament (KE) Nru 1638/98 jistipula li, matul is-snin tal-*marketing* 1998/99 sa 2000/01, ix-xogħol fuq ir-reġistru tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2276/79 tas-16 ta' Ottubru 1979 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-formulazzjoni ta' reġistru tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ fl-Istati Membri li jipproduċu ż-żejt taż-żebbuġa [1], l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1279/89 [2], għandu jiffoka fuq il-ħolqien, l-aġġornar u l-użu ta' sistema ta' informazzjoni ġeografika (GIS); billi bħala konsegwenza, bl-għan li tiġi żgurata l-kompatibilità mad-*databases* tas-sistema integrata ta' l-amministrazzjoni u kontroll stipulata fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) 3508/92 tas-27 ta' Novembru 1992 li jistabbilixxi sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità [3], l-aħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 820/97 [4] u fir-Regolament (KEE) Nru 3887/92 tat-23 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll għal ċerti skemi ta' għajnuna tal-Komunità [5], l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1678/98 [6], l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-GIS tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ għandha tiġi speċifikata flimkien mal-metodi ta' ċentralizzazzjoni, l-arranġamenti, il-kriterji u t-tolleranzi tekniċi; billi bil-ħsieb għall-finanzjament Komunitarju huwa meħtieġ li jiġi stabbilit taħt liema kondizzjonijiet il-GIS tal-koltivazzjoni taż-żejt ta' Stat Membru jew reġjun għandu jitqies li jkun tlesta;

Billi l-GIS tal-koltivazzjoni taż-żejt għandha tippermetti li l-informazzjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-ħsad tiġi vverifikata; billi huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura għall-eżami tad-diskrepanzi bejn dawk id-dikjarazzjonijiet u l-istimi tas-SIĠ tal-koltivazzjoni taż-żejt; billi fil-każijiet fejn id-diskrepanza ma tkunx tista' tiġi riżolta, il-konsegwenzi għall-kwantitajiet ta' żejt taż-żebbuġa intitolati għall-għajnuna għandhom jiġu stabbiliti;

Billi, jekk il-GIS ma jkunx kompletat, għandhom isiru disposizzjonijiet għal numru minimu ta' kontrolli fuq il-post tad-dikjarazzjonijiet tal-ħsad; billi, għas-sena tal-*marketing* 1998/99, il-GIS għandha titwaqqaf fl-Isati Membri kollha u billi l-isforzi għandhom għalhekk jiġu kkonċentrati fuq dak ix-xogħol;

Billi għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti għall-kontrolli fuq il-post, li jispeċifikaw b'mod partikolari n-numru ta' dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu kkontrollati fuq il-post fiż-żoni li fihom il-GIS tal-koltivazzjoni taż-żejt ma jkunx kompletat; billi, sabiex tiġi kkontrollata l-konsistenza bejn l-informazzzjoni fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna u l-informazzjoni fir-reġistri tal-ħażniet ta' l-imtieħen, għandhom jiġu organizzati kontrolli fil-fond ta' proporzjon rappreżentattiv ta' mtieħen, b'penali għall-kunsinjatarji taż-zejt li jirrifjutaw li jiġu spezzjonati jew li ma jkunux kapaċi jipprovaw li ż-żejt ikun ġie kkonsenjat lilhom;

Billi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati fil-programm ta' xogħol ta' l-aġenziji ta' kontroll stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 27/85 ta' l-4 ta' Jannar 1985 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2262/84 li jistabbilixxi miżuri speċjali f'dak li għandu x'jaqsam maż-żejt taż-żebbuġa [7], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3602/92 [8];

Billi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaż-Żjut u x-Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

Dikjarazzjonijiet tal-ħsad

Artikolu 1

1. Sabiex tingħata l-għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa kif stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament 136/66/KEE, qabel l-1 ta' Diċembru ta' kull sena ta' *marketing* dawk li jkabbru ż-żebbuġ għandhom jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-ħsad li jkopru s-siġar taż-żebbuġ tagħhom fil-produzzjoni u d-dettalji ta' l-imsaġar taż-żebbuġ li jkunu jamministraw fl-1 ta' Novembru tas-sena tal-*marketing* li għaliha jikkorrispondu d-dikjarazzjonijiet.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "siġra taż-żebbuġ fil-produzzjoni" tfisser siġra taż-żebbuġ ħajja ta' speċi kklassifikata bħala domestika, stabbilita b'mod permanenti, irrispettivament miż-żmien u l-kondizzjoni, possibbilment ikollha diversi zkuk separati minn xulxin fil-bażi b'anqas minn żewġ metri;

[1] ĠU L 262, tat-18.10.1979, p. 11.
[2] ĠU L 127, tal-11.5.1989, p. 24.
[3] ĠU L 355, tal-5.12.1992, p. 1.
[4] ĠU L 117, tas-7.5.1997, p. 1.
[5] ĠU L 391, tal-31.12.1992, p. 36.
[6] ĠU L 212, tat-30.7.1998, p. 23.
[7] ĠU L 4, tal-5.1.1985, p. 5.
[8] ĠU L 366, tal-15.12.1992, p. 31.

(b) "biċċa art għat-tkabbir taż-żebbuġ" tfisser:

— biċċa art bis-siġar taż-żebbuġ kif imfissra mill-Istat Membru kkonċernat, jew, jekk l-ebda definizzjoni bħal din ma teżistix,

— biċċa art kontinwa miksija, fuq żona akbar minn dik riferita għaliha fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 24(1), minn siġar taż-żebbuġ fil-produzzjoni li kull waħda minnhom tkun anqas minn 20 metru minn siġra taż-żebbuġ oħra;

(ċ) "siġar taż-żebbuġ imxerrda" tfisser siġar taż-żebbuġ fil-produzzjoni li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkostitwixxu grupp ta' siġar fuq biċċa art għat-tkabbir taż-żebbuġ;

(d) "żona bis-siġar taż-żebbuġ" tfisser il-firxa ta' biċċa art għat-tkabbir taż-żebbbuġ, jew, għal kull siġra taż-żebbuġ imxerrda, firxa ta' ettaru;

(e) "bidwi" u "raba" ifissru l-kunċetti kif imfissra għas-sistema integrata stipulata fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3508/92.

3. Id-dikjarazzjonijiet tal-ħsad għandhom jiġu ppreżentati lill-aġenżija kompetenti ta' l-Istat Membru jew, fejn ikun jgħodd, l-organizzazzjoni tal-produtturi li tagħha l-produttur taż-żebbuġ ikun membru.

Artikolu 2

Mis-sena tal-*marketing* 1998/99, id-dikjarazzjonijiet tal-ħsad għandhom jinkludu ta' l-anqas:

(a) il-kunjom, l-ismijiet u l-indirizz tal-produttur taż-żebbuġ;

(b) il-pożizzjoni jew il-pożizzjonijiet tar-raba';

(ċ) in-numru totali ta' siġar taż-żebbuġ fil-produzzjoni, inklużi s-siġar taż-żebbuġ imxerrdin;

(d) ir-referenzi tar-reġistru ta' l-artijiet tal-biċċiet ta' art għat-tkabbir taż-żebbuġ tar-raba' jew, fejn ma jkunx inżamm reġistru ta' l-artijiet, deskrizzjoni sħiħa tar-raba' u tal-biċċiet ta' art għat-tkabbir taż-żebbuġ;

(e) għal kull biċċa art għat-tkabbir taż-żebbuġ: in-numru ta' siġar taż-żebbuġ fil-produzzjoni, il-varjetà prinċipali, u dettalji ta' kull irrigazzjoni jew koltivazzjonijiet assoċjati li jkun hemm.

Artikolu 3

1. Fejn dikjarazzjoni tal-ħsad tkun diġà ġiet ippreżentata lill-korp kompetenti, id-dikjarazzjoni tal-ħsad għas-sena tal-ħsad attwali għandha sempliċement tindika r-referenzi għad-dikjarazzjonijiet ta' qabel u kull bidla li tkun saret minn dak iż-żmien. Għas-snin tal-*marketing* 1998/99 u 1999/2000, għandu jittieħed kont ta' kull bidla wara li jiġu kkunsidrati d-definizzjonijiet fis-seħħ u l-informazzjoni li tkun meħtieġa għad-dikjarazzjonijiet tal-ħsad taħt ir-Regolament (KEE) Nru 3061/84 għall-1997/98.

Jekk ma jkunx hemm bidla fl-informazzjoni inkwistjoni, id-dikjarazzjonijiet tal-ħsad għandhom jiġu ppreżentati fl-istess waqt ma' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u għandhom sempliċement jiddikjaraw li ma kienx hemm ebda bidla meta mqabbla mad-dikjarazzjoni ta' qabel.

2. Id-dikjarazzjonijiet magħmula taħt ir-Regolament (KEE) Nru 3061/84 għandhom jiġu ssostitwiti permezz ta' dikjarazzjoni sħiħa ta' koltivazzjoni skond l-Artikoli 1 u 2 matul is-snin tal-*marketing* 1999/2000 u 2000/01.

Artikolu 4

1. Sabiex tikkostitwixxi bażi għall-ħlas ta' l-għajnuna lill-produtturi taż-żebbuġ taħt l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żjut u x-xaħmijiet fis-seħħ sa mill-1 ta' Novembru 2001, is-siġar taż-żebbuġ addizzjonali mħawla wara l-1 ta' Mejju 1998 għandhom jiġu identifikati ġeografikament u inklużi fi programm nazzjonali jew reġjonali approvat mill-Kummissjoni taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE.

Is-siġar taż-żebbuġ għandhom jitqiesu li huma ġeografikament identifikati fejn jidru fid-*database* bir-referenza grafika stipulat fl-Artikolu 24 jew, jekk le, fejn l-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru ikollha informazzjoni kartografika li tippermetti li s-siġar jiġu lokati.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1638/98, "siġra taż-żebbuġ addizzjonali" tfisser siġra taż-żebbuġ imħawla wara l-1 ta' Mejju 1998, li ma tkunx waħda li tissostitwixxi siġra taż-żebbuġ li tkun tnaddfet mill-għeruq wara l-1 ta' Mejju 1998:

— fiż-żona ġeografika koperta minn programm ta' konverżjoni, jew

— jekk it-tindif mill-għeruq u s-sostituzzjonijiet ikunu rreġistrati individwalment, fir-raba' tal-produttur inkwistjoni.

Is-siġra taż-żebbuġ imnaddfa mill-għeruq li għaliha ssir referenza fis-subparagrafu preċedenti ma tridx tkun waħda li diġà kienet irreġistrata bħala li kienet ġiet issostitwita minn siġra oħra; u trid tkun waħda li, qabel it-tindif mill-għeruq, kienet siġra taż-żebbuġ fil-produzzjoni identifikata ġeografikament.

3. Il-programmi li jkopru s-siġar taż-żebbuġ addizzjonali ppreżentati lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni għandu jkollhom l-informazzjoni li ġejja b'mod partikolari:

(a) in-numru totali tas-siġar taż-żebbuġ fil-produzzjojni u ż-żoni korrispondenti fiż-żona ġeografika kkonċernata fid-data tal-preżentazzjoni tal-programm,

(b) in-numru ta' siġar taż-żebbuġ imħawla u mnaddfa mill-għeruq, kif stabbilit fil-programm, u ż-żoni li jikkorrispondu,

(ċ) fejn ikun jgħodd, in-numru ta' siġar taż-żebbuġ mejta jew maħruqa li jridu jiġu ssostitwiti, flimkien ma' deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi,

(d) il-postijiet ġeografiċi tas-siġar taż-żebbuġ imnaddfa mill-għeruq, mejta jew maħruqa.

Artikolu 5

1. Tħawwil ġdid mill-1 ta' Novembru 1995 sal-31 ta' Ottubru 1998 għandu jiġi kopert minn dikjarazzjoni qabel l-1 ta' April 1999 li jinkludu l-informazzjoni li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 2 jew, fejn applikabbli, referenzi għal dikjarazzjonijiet magħmula qabel li jkun fihom l-istess informazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet ta' tħawwil ġdid għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumenti li jipprovaw għas-sodisfazzjon ta' l-Istat Membru jew li:

— is-siġar kollha jew ftit minnhom kienu mħawla qabel l-1 ta' Mejju 1998; jew li:

— it-tħawwil twettaq wara l-1 ta' Mejju 1998 u qabel l-1 ta' Novembru 1998, u kien akkumpanjat minn tindif mill-għeruq f'dak il-perjodu ta' numru (li jrid jiġi speċifikat) ta' siġar taż-żebbuġ fil-produzzjoni.

Il-provi jistgħu jkunu l-irċevuti tal-bejgħ minn mixtliet, dokumenti ta' konsenja għal xtieli żgħar jew kull dokumenti oħra li għandhom l-għarfien mill-Istat Membru.

2. Mill-1 ta' Novembru 1998, il-produtturi taż-żebbuġ ikkonċernati għandhom jippreżentaw dikjarazzjonijiet minn qabel ta' l-intenzjoni li jħawlu, li jindikaw in-numru u l-pożizzjoni tas-siġar taż-żebbuġ inkwistjoni u, fejn japplika, in-numru u l-pożizzjoni tas-siġar taż-żebbuġ li jridu jiġu mnaddfa mill-għeruq, jew li kienu ġew imnaddfa mill-għeruq u mhux issostitwiti wara l-1 ta' Mejju 1998.

Mhux aktar tard mit-tmiem tat-tieni xahar wara dak illi fih id-dikjarazzjonijiet kif issir referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu jkunu ppreżentati, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-koltivaturi kkonċernati dwar jekk:

— it-tħawwil ippjanat jinvolvix is-sostituzzjoni tas-siġar li jkunu ġew imnaddfa mill-għeruq u li għalhekk ma jkunx jista' jitqies li jinvolvi siġar addizzjonali taż-żebbuġ skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(2),

— it-tħawwil ippjanat jinvolvix siġar addizzjonali taż-żebbuġ koperti minn programm approvat taħt l-Artikolu 4 u għalhekk jikkwalifika għall-għajnuna wara l-31 ta' Ottubru 2001,

— it-tħawwil ippjanat jinvolvix siġar addizzjonali taż-żebbuġ li ma jkunux jikkostitwixxu bażi għall-ħlas ta' l-għajnuna wara l-31 ta' Ottubru 2001.

3. Fil-kuntest tad-dikjarazzjonijiet tal-ħsad kif riferiti fl-Artikolu 2, is-siġar taż-żebbuġ kollha li jkunu ġew imħawla għandhom ikunu speċifikati, flimkien ma':

(a) referenza għad-dikjarazzjoni ta' qabel li għaliha ssir referenza fil-paragrafu 2, u

(b) kif, xieraq:

— indikazzjoni tan-numru ta' siġar taż-żebbuġ fil-produzzjoni li jkunu ġew imnaddfa mill-għeruq u li s-siġar il-ġodda jkunu jissostitwuhom, jew

— referenza għall-programm approvat mill-Kummissjoni li taħtu t-tħawwil inkwistjoni ikun qiegħed jitwettaq.

KAPITOLU 2

Produzzjoni

Artikolu 6

1. Għall-finijiet sabiex tiġi stabbilita l-produzzjoni taż-żebbuġ u l-produzzjoni taż-żejt li għalihom issir referenza fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 għas-sena tal-*marketing* 1998/99, l-Istati Membri produtturi għandhom ifornu lill-Kummissjoni bit-tagħrif dwar iż-żoni omoġeneji ta' produzzjoni, wara li jikkunsidraw b'mod partikolari:

— il-pożizzjoni geografika u l-karatteristiċi agronomiċi ta' l-art,

— il-varjetajiet predominati, it-tip ta' żabra bil-forma l-aktar komuni u l-età tas-siġar taż-żebbuġ.

Iż-żoni omoġeneji ta' produzzjoni jistgħu jiġu alterati biss meta jingħataw ġustifikazzjonijiet konvinċenti. Alterazzjonijiet bħal dawk għandhom isiru fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq it-talba ta' Stat Membru.

2. It-tagħrif dwar kull żona ta' produzzjoni kif issir referenza għalih fil-paragrafu 1 għandu jinkludi ta' l-anqas dan li ġej:

(a) il-konfini ġeografiċi taż-żona;

(b) l-erja stmata bis-siġar taż-żebbuġ;

(ċ) in-numru medju stmat ta' siġar taż-żebbuġ kull ettaru ta' art utilizzata għat-tkabbir taż-żebbuġ;

(d) il-produzzjoni medja ta' żebbuġ għal kull siġra;

(e) il-produzzjoni medja ta' żejt taż-żebbuġa verġni għal kull 100 kilogramm ta' żebbuġ.

3. Qabel l-1 ta' Awissu 1999 l-aktar tard, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw it-tagħrif li għalih issir referenza fil-paragrafu 2(b) sa (e), flimkien ma' rapport qasir dwar il-kondizzjonijiet ta' produzzjoni reġistrati f'kull żona matul is-sena tal-*marketing*.

4. Għall-finijet sabiex tiġi stabbilita l-produzzjoni taż-żejt għas-sena tal-*marketing* 1998/99, l-Istati Membri produtturi għandhom jistabbilixxu, f'imtieħen mgħammra b'modi differenti u li jirrappreżentaw il-kapaċita' ta' l-għasir fiż-żona in kwistjoni fil-fażijiet differenti tal-ħsad, il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa f'kull żona ta' produzzjoni.

Għall-finijiet sabiex tiġi stabbilita l-produzzjoni taż-żejt, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, għall-anqas għall-akbar żoni ta' produzzjoni u fil-bidu ta' kull sena tal-*marketing*, il-produzzjoni ta' żebbuġ mis-siġar li tirrappreżenta l-kondizzjonijiet ta' produzzjonji f'dik iż-żona.

KAPITOLU 3

L-imtieħen approvati

Artikolu 7

Mis-sena tal-*marketing* 1998/99, għall-finijiet sabiex tingħata approvazzjoni lill-imtieħen:

(a) l-informazzjoni li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 għandha tinkludi dan li ġej:

— il-kapaċità ta' ħażna taż-żejt,

— il-kapaċità reali ta' għasir kull jum ta' xogħol ta' tmien sigħat.,

— deskrizzjoni tat-tagħmir tekniku stallat jew li jopera fil-mitħna, bid-dettalji tat-tip, għamla, mudell u l-kapaċità kull siegħa ta' kull unità;

(b) fost il-mezzi ta' spezzjoni ta' l-imtieħen li pproduċew aktar minn 20 tunnellata ta' żejt fis-sena tal-*marketing* preċedenti, il-faċilitajiet għandhom jinkludu sistema awtomatika għall-użin taż-żebbuġ u r-reġistrazzjoni tal-piżijiet u arloġġ tad-dawl apposta għat-tagħmir tal-għasir.

Iżda, mis-sena tal-*marketing* 1999/2000, il-punt (b) għandu japplika għall-imtieħen li jesgħu, kif issir referenza għalihom fit-tieni inċiż ta' (a), aktar minn 2 tunnellati metriċi ta' żejt kull ġurnata ta' xogħol ta' tmien sigħat. Dik id-dispożizzjoni għandha tapplika għall-imtieħen oħra mis-sena tal-*marketing* 2000/01.

B'żieda, malli l-informazzjoni kkonċernata tkun disponibbli, l-imtieħen għandhom jippreżentaw lill-produtturi taż-żebbuġ b'ċertifikati kif stipulat fl-Artikolu 12(1) u għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet ta' spezzjoni stabbiliti mill-Istat Membru.

Mingħajr preġudizzju għall-penalitajiet nazzjonali li jistgħu japplikaw, l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 għandhu japplika, fid-dawl tar-riskji indotti għall-kwantitajiet intitolati għall-għajnuna, għall-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikoli 8 u 9.

Artikolu 8

Taħt l-arranġamenti ta' spezzjoni stabbiliti fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84, l-Istati Membri għandhom jagħmlu dispożizzjonijiet:

(a) b'mod partikolari permezz ta' l-analiżi ta' kampjuni, sabiex jiġi aċċertat li ż-żejt jaqbel mad-deskrizzjonijiet u d-definizzjonijiet fil-punt 1 ta' l-Anness li jinsab mar-Regolament Nru 136/66/KEE u li ma jkunx ikkontaminat minn sustanzi mhux mixtieqa, b'mod partikolari is-solventi;

(b) mis-sena tal-*marketing* 1998/99:

— għar-reġistri tal-ħażniet marbuta mal-kontijiet finanzjarji li għandhom jinżammu, u li jkun fihom ta' l-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 9(1) u, fejn ikun jgħodd, referenzi għall-analiżi li jkunu twettqu,

— sabiex il-prospetti ta' kull xahar ta' din l-informazzjoni jintbagħtu qabel l-għaxar jum tax-xahar wara x-xahar ikkonċernat lill-aġenzijia kompetenti u, fejn ikun jgħodd, lill-aġenzija responsabbli għall-kontrolli; iżda, għall-imtieħen li jkunu pproduċew anqas minn 20 tunnellata metrika ta' żejt fis-sena tal-*marketing* preċedenti, il-prospett ta' kull xahar għandu jinkludi biss l-informazzjoni kwantitattiva indikata fl-Artikolu 9(1)(b), (ċ), (d) u (f),

— għall-kontroll tal-metodu tar-rimi ta' l-ilma ħażin;

(ċ) mis-sena tal-*marketing* 1999/2000, biex il-provvisti ta' żejt taż-żebbuġa jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

— jew, fejn il-kwantità mibjugħa tkun anqas minn 50 litru jew fejn ma jkun sar l-ebda bejgħ, li jkun ġie fornit wara li tkun inħarġet riċevuta li turi mill-anqas il-kwantità kkonċernata, u r-referenzi u l-firma tar-riċevitur;

— jew, fejn iż-żejt ikun inbiegħ, li jkun ġie fornut f'ippakkjar immedjat li jkun jista' jintuża mill-ġdid ta' kapaċità massima ta' 200 litru, fornut b'apparat ta' siġilazzjoni li ma jkunx jista' jiġi is siġillat mill-ġdid u li jkollu numru tas-serje, in-numru ta' l-approvazzjoni tal-mitħna u sena tal-*marketing*; jew

— jew fejn iż-żejt ikun inbiegħ, li jkun ġie fornut wara li tkun inħarġet riċevuta u rekord bankarju tal-ħlas.

Artikolu 9

1. Ir-reġistri tal-ħażniet skond l-Artikolu 8(b) għandhom jinkludu, għal kull jum:

(a) il-kwantitajiet ta' żebbuġ li jidħlu fil-mitħna lott b'lott, bl-isem tal-produttur jew tas-sid ta' kull lott;

(b) il-kwantitajiet ta' żebbuġ magħsur;

(ċ) il-kwantitajiet ta' żejt miksub;

(d) il-kwantitajiet ta' żejt mixtri jew miksub mill-1 ta' Diċembru 1998, bl-indikazzjoni tal-kunsinnatarju, il-kwantitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' Novembru 1998 għandhom jiġu indikati bħala ammont kumplessiv;

(e) il-kwantitajiet ta' fdalijiet taż-żebbuġ miksuba, stabbiliti fuq il-bażi ta' rata fissa;

(f) il-kwantitajiet ta' żejt li jitilqu mill-mitħna lott b'lott, bl-isem tar-riċevitur u l-indikazzjoni ta' jekk il-kunsinnatarju jkunx produttur kopert mill-ewwel inċiż tal-paragrafu (ċ) ta' l-Artikolu 8;

(g) il-kwantitajiet ta' fdalijiet taż-żebbuġ li jitilqu mill-miħna:

— lott b'lott, bl-isem tal-kunsinnatarju fil-każ ta' bejgħ lill-stabbiliment ta' l-estrazzjoni,

— stabbiliti fuq il-bażi ta' rata fissa, bl-isem tal-kunsinnatarju f'każijiet oħra,

— miżuna lott b'lott, fejn il-miħna jkollha stasija.

2. Fuq it-talba ta' l-awtoritajiet responsabbli għall-kontroll tar-reġistri tal-ħażniet, il-miħna għandha tippreżenta:

(a) mill-1 ta' Lulju u mis-sena tal-*marketing* 1998/99, il-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa magħsur mill-bidu tas-sena tal-*marketing*, imqassma skond il-lottijiet ta' żebbuġ li jidħlu fil-miħna u skond il-produttur ikkonċernat;

(b) mis-sena tal-*marketing* 1999/2000 jew 2000/01 skond it-tieni paragafu ta' l-Artikolu 7, il-piżijiet rreġistrati awtomatikament tal-lottijiet ta' żebbuġ li jidħlu fil-miħna;

(ċ) mis-sena tal-*marketing* 1999/2000, reġistru tal-kwantitajiet fornuti, skond it-tliet inċiżi ta' l-Artikolu 8(ċ), bl-indikazzjoni tar-referenzi tar-riċevitur taż-żejt;

(d) fejn iż-żejt u/jew fdalijiet taż-żebbuġ miksuba jinbiegħu, ir-riċevuti ta' bejgħ għal kull lott u, mis-sena tal-*marketing* 1999/2000, il-prospett bankarju li juri l-ħlas għaż-żejt.

3. Il-kwantitajiet ta' fdalijiet taż-żebbuġ kif issir referenza għalihom fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' rata fissa billi tiġi mmultiplikata l-kwantità ta' żebbuġ magħsura permezz ta' koeffiċjent muri fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-miħna jew, fin-nuqqas ta' dan, il-koeffiċjenti indikattivi li ġejjin:

— 0,35 għall-imtieħen li jkollhom ċiklu ta' produzzjoni tradizzjonali,

— 0,45 għall-imtieħen li jkollhom ċiklu ta' produzzjoni kontinwa bi tliet fażijiet,

— 0,70 għall-imtieħen li jkollhom ċiklu ta' produzzjoni kontinwa b'żewġ fażijiet.

Artikolu 10

1. Għall-finijiet ta' kontroll, il-produtturi taż-żebbuġ li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 9(1)(f) li jkunu rċevew aktar minn 200 litru ta' żejt għandhom iżommu sa l-aħħar tas-sena tal-*marketing* wara dik in kwistjoni rekord tad-destinazzjoni taż-żejt prodott miż-żebbuġ tagħhom, jew fejn xieraq il-fattura tal-bejgħ jew xi evidenza ddokumentata oħra.

B'żieda, il-produttur għandu jippreżenta lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru jew fejn ikun xieraq lill-organizzazzjoni tal-produtturi li tagħha jkun membru, mis-sena tal-*marketing* 1999/2000 u qabel l-1 ta' Diċembru, dikjarazzjoni tal-kwantitajiet għal kull destinazzjoni prinċipali taż-żejt miksub fis-sena tal-*marketing* preċedenti, u prospett tas-sitwazzjoni tal-ħażniet fl-1 ta' Novembru.

L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jinnotifikaw l-informazzjoni fit-tieni subparagrafu lill-korp kompetenti fl-Istat Membru, jew fejn xieraq l-aġenzija ta' kontroll, qabel l-1 ta' Jannar. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan qabel il-15 ta' Jannar.

2. Ir-riċevituri prinċipali taż-żejt kif riferiti fl-Artikolu 9(1)(f) li ma jkunux dawk li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom iżommu għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet ta' kontroll id-dokumenti meħtieġa biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkontrollaw li r-riċevituri msemmija jkunu tassew ħadu l-kunsenja taż-żejt inkwistjoni. Id-definizzjoni ta' "riċevitur prinċipali" u l-istabbilir ta' liema huma d-dokumenti meħtieġa għandha tkun kwistjoni ta' l-Istat Membru.

Artikolu 11

1. L-Istati Membri produtturi għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

— qabel l-1 ta' Settembru, dwar il-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa prodott mill-imtieħen f'dak li għandu x'jaqsam mas-sena tal-*marketing* li tkun għaddejja fit-30 Ġunju;

— qabel l-1 ta' Diċembru, fuq il-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa prodott mill-imtieħen f'dak li għandu x'jaqsam mas-sena tal-*marketing* ta' qabel.

2. Fil-każijiet riferiti fl-Artikolu 13(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84, biex tinkiseb l-approvazzjoni ta' l-imtieħen taħt l-arranġamenti speċjali ta' kontroll, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba bir-raġunijiet lill-Kummissjoni, fejn jispeċifika t-tip ta' kontrolli li jipproponi li jagħmel lill-miħna kkonċernata. Fi żmien 30 jum il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tagħtix l-approvazzjoni jew le u għandha tinnotifika l-Istat Membru kkonċernat bid-deċiżjoni tagħha.

KAPITOLU 4

Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-għajnuna

Artikolu 12

1. L-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu jiġu ppreżentati minn kull produttur taż-żebbuġ li jkun ippreżenta dikjarazzjoni tal-produzzjoni. Għandhom jinkludu mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kunjom, l-ismijiet u l-indirizz tal-kultivatur;

(b) il-kwantità ta' żejt verġni taż-żebbuġa prodott;

(ċ) il-post(ijiet) tar-raba' u l-biċċiet ta' art li fuqhom ikun sar il-ħsad taż-żebbuġ, b'referenza għad-dikjarazzjoni tal-ħsad;

(d) il-mitħna/mtiehen approvata/i li fiha/om ikun ġie prodott iż-żejt, bid-dettalji tal-kwantitajiet ta' żebbuġ użat u taż-żejt prodott minn kull mitħna;

(e) fejn xieraq, mis-sena ta' produzzjoni 1999/2000, il-kwantità ta' żebbuġ fornut lill-azjenda ta' l-ipproċessar taż-żebbuġ tal-mejda, flimkien mar-referenzi ta' l-azjenda.

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat mill-mitħna, li l-forma u l-kontenut tiegħu għandhom ikun deċiżi mill-Istati Membri, li jikkorobora d-dettalji li għalihom issir referenza taħt (d).

2. Fejn il-produtturi taż-żebbuġ ikunu biegħu ftit miż-żebbuġ jew iż-żebbuġ tagħhom kollha, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom jinkludu, flimkien ma' l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1:

(a) il-kunjom, l-ismijiet u l-indirizz tax-xerrej;

(b) kopja tal-fattura tal-bejgħ taż-żebbuġ;

(ċ) kopja taċ-ċertifikat mill-mitħna li jikkonferma d-dettalji li għalihom issir referenza fil-paragrafu 1(d).

3. L-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom jintbagħtu mill-produtturi taż-żebbuġ qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena tal-*marketing*:

— lill-organizzazzjoni tal-produtturi, fejn il-produtturi taż-żebbuġ ikunu membri ta' organizzazzjoni bħal din,

— lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat, fejn il-produtturi taż-żebbuġ ma jkunux membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi.

Ħlief fil-każijiet ta' forza maġġuri, fejn l-applikazzjonijiet ikunu ntbagħtu tard, l-għajnuna li l-produtturi taż-żebbuġ kienu jkunu intitolati għaliha li kieku l-applikazzjonijiet tagħhom kienu ntbagħtu fil-ħin għandhom jitnaqqsu b'1 % għal kull jum tax-xogħol. L-applikazzjonijiet li jintbagħtu aktar minn 25 jum tard m'għandhomx ikunu ammissibbli.

4. Il-produtturi taż-żebbuġ li jkunu jridu jirċievu ħlas bil-quddiem ta' l-għajnuna pprovduta fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 għandhom jibagħtu applikazzjoni għall-ħlas bil-quddiem bl-applikazzjonijiet tagħhom għall-għajnuna.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Settembru ta' kull sena tal-*marketing* bin-numru ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u l-kwantitajiet ta' żejt ikkonċernati ta' żejt taż-żebbuġa.

Artikolu 13

Fejn parti jew l-intier tal-produzzjoni ta' produttur taż-żebbuġ tkun magħsura f'mitħna approvata li tinsab fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak li fih iż-żebbuġ ikun ġie maħsud, l-applikazzjoni għall-għajnuna għandha tingħata lill-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru fejn iż-żejt jiġi prodott.

F'każijiet bħal dawn, wara li tiġi kkontrollata l-mitħna kkonċernata, l-Istat Membru ta' l-aħħar għandu jressaq l-applikazzjoni u l-informazzjoni dwar il-kontroll fil-mitħna quddiem l-Istat Membru ta' l-oriġini taż-żebbuġ. Wara li jiġi kkontrollat li r-rekwiżiti kollha għall-għoti ta' l-għajnuna jkunu ntlaħqu, l-Istat Membru fejn iż-żebbuġ ikun inħasad għandu jħallas l-għajnuna għall-produzzjoni.

Artikolu 14

1. Il-produtturi taż-żebbuġ għandhom ikunu intitolati għall-għajnuna f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa verġni li jipproduċu, flimkien mal-kwantità b'rata fissa taż-żejt tal-fdalijiet taż-żebbuġ kif stabbilita fil-paragrafu 2.

Iżda, il-kwantità li fuqha tista' titħallas l-għajnuna f'dak li għandu x'jaqsam mad-dikjarazzjonijiet ta' produzzjoni u l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għas-snin tal-*marketing* 1998/99, 1999/2000 u 2000/01 fil-każijiet li għalihom issir referenza fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 u l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1638/98 għandha tiġi stabbilita skond l-Artikolu 15.

2. Il-kwantità ta' żejt tal-fdalijiet taż-żebbuġa li fuqha tista' titħallas l-għajnuna għandha tkun 8 % tal-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa verġni prodott miż-żebbuġ li minnu l-fdalijiet ikunu ġew u li għalih it-titolu għall-għajnuna jkun ġie rrikonoxxut skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84.

3. Għall-finijiet biex tiġi stabbilita l-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa verġni li tassew tkun ġiet prodotta, mis-sena tal-*marketing* 1998/99 l-aġenzija kompetenti għandha tagħti kont b'mod partikolari għal:

— it-tagħrif bażiku fir-reġistru tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ jew is-sistema ta' informazzjoni ġeografika (GIS) għall-koltivazzjoni taż-żebbuġ fir-rigward tal-potenzjal produttiv. Fiżżoni li preżentement m'humiex koperti mir-reġistru tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ jew mill-GIS, l-informazzjoni li tkun tinsab fid-dikjarazzjonijiet tal-ħsad għandha tiġi użata;

— l-informazzjoni mill-*files* kompjuterizzati li għalihom issir referenza fl-Artikolu 27;

— provi ta' l-għasir mogħtija minn imtieħen approvati;

— riżultati tal-kontrolli mwettqa.

4. Għall-finijiet biex tiġi stabbilita l-produzzjoni reali kif riferit fl-Artikolu 17a(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' April wara kull sena tal-*marketing* dwar il-kwantità li fuqha l-għajnuna għandha titħallas.

Artikolu 15

1. Fil-każijiet kif stabbilit fl-Artikolu 15(2) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 fejn il-kwantità koperta mill-applikazzjonijiet għall-għajnuna ma tkunx ikkonfermata mill-mitħna approvata, il-kwantità ta' żejt minn dik il-mitħna li fuqha kull koltivatur ikkonċernat taż-żebbuġ ikun eliġibbli għall-għajnuna għandu jkun stabbilit mill-Istat Membru skond l-Artikolu 15(4) ta' dak ir-Regolament.

Iżda, mingħajr preġudizzju għal kull pretensjoni li l-koltivaturi taż-żebbuġ ikkonċernati jista' jkollhom kontra l-mitħna, il-kwantità li fuqha l-għajnuna tkun dovuta ma tistax teċċedi l-75 % tal-kwantità koperta minn kull applikazzjoni għall-għajnuna mogħtija jew il-75 % tal-kwantità miksuba permezz tal-multiplikazzjoni tal-produzzjonijiet medji għaż-żona omoġeneja ta' produzzjoni bin-numru ta' siġar taż-żebbuġ ikkonċernati. In-numru ta' siġar għandu jiġi stabbilit *pro rata* bħala funzjoni tal-kwantità ta' żejt ikkonċernat fil-każijiet fejn l-għajnuna tkun mitluba għaż-żejt miksub minn diversi mtieħen.

2. Fejn in-numru ta' siġar muri fid-dikjarazzjoni tal-ħsad ikun akbar minn dak li tassew ikun instab, il-kwantità li fuqha l-għajnuna tkun dovuta u, fejn jgħodd, kull penali oħra għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-perċentwali li permezz tiegħu n-numru ta' siġar iddikjarat jeċċedi n-numru reali skond l-Artikolu 28(4):

— fejn dak il-perċentwali jkun jeċċedi l-55 % jew anqas, l-għajnuna għandha tingħata fuq il-kwantità li għaliha ssir referenza fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 14(1), wara li jiġi mnaqqas ammont korrettiv; l-ammont korrettiv għandu jkun daqs il-kwantità in kwistjoni mmultiplikat bil-perċentwali u permezz ta' koeffiċjent mogħti skond l-iskala li ġejja:

Perċentwali żejjed	Koeffiċċjent
akbar minn 0 iżda mhux akbar minn 5	0
akbar minn 5 iżda mhux akbar minn 15	0,005
akbar minn 15 iżda mhux akbar minn 25	0,0075
akbar minn 21 iżda mhux akbar minn 35	0,010
akbar minn 35 iżda mhux akbar minn 45	0,0125
akbar minn 45 iżda mhux akbar minn 55	0,015

— fejn il-perċentwali li jeċċedi ikun aktar minn 55 % iżda mhux aktar minn 75 %, il-koltivatur taż-żebbuġ u l-biċċiet ta' art ikkonċernati m'għandhomx ikunu eliġibbli taħt l-iskema ta' l-għajnuna għas-sena tal-*marketing* in kwistjoni,

— fejn il-peċentwali li jeċċedi ikun akbar minn 75 %, il-produttur taż-żebbuġ u l-biċċiet ta' art ikkonċernati m'għandhomx ikunu eliġibbli taħt l-iskema ta' għajnuna għas-sena tal-*marketing* inkwistjoni jew is-sena tal-*marketing* ta' wara.

Artikolu 16

1. Bla ħsara għar-riżultati tal-kontrolli mwettqa, b'mod partikolari kif riferiti fl-Artikolu 28, l-Istati Membri għandhom iħallsu l-ħlas bil-quddiem stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 mis-16 ta' Ottubru ta' kull sena tal-*marketing*.

2. Wara li jitwettqu l-kontrolli kollha mitluba u bla ħsara għar-riżultati tagħhom, l-Istati Membri għandhom iħallsu l-bilanċ ta' l-għajnuna lill-produtturi fi żmien 90 jum wara l-iffissar mill-Kummissjoni tal-produzzjoni attwali għas-sena tal-*marketing* ikkonċernata u ta' l-ammont f'unitajiet ta' l-għajnuna għall-produzzjoni kif stipulat fl-Artikolu 17a(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84.

KAPITOLU 5

L-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom

Artikolu 17

Mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 20c tar-Regolament Nru 136/66/KEE, il-Kapitolu 3 u 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 u ta' dan ir-Regolament, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom ma jistgħux ikunu rrikonoxxuti jekk ma jkunux intrabtu:

(a) li jkollhom l-istruttura amministrattiva mitluba għat-twettiq tax-xogħlijiet li jkunu ġew fdati lilhom;

(b) li jkollhom il-personal imħarreġ meħtieġ għat-twettiq ta' dawk ix-xogħlijiet;

(ċ) li jħejju rapporti kull tliet xhur fuq ix-xogħol tagħhom u li jżommu dokumentazzjoni dwar l-attivitajiet ta' amministrazzjoni tagħhom;

(d) bla ħsara għall-osservanza tal-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 12(3),

— fil-każ ta' organizzazzjonijiet li ma jkunux membri ta' assoċjazzjoni, li jibagħtu lill-awtorità kompetenti kull xahar l-applikazzjoni għall-għajnuna mibgħuta lilhom mill-membri tagħhom matul ix-xahar ta'qabel,

— fil-każ ta' organizzazzjonijiet li huma membri ta' assoċjazzjoni, li jibagħtu lill-assoċjazzjoni kull xahar l-applikazzjonijiet għall-għajnuna mibgħuta lilhom mill-membri tagħhom matul ix-xahar ta' qabel,

— fil-każ ta'organizzazzjonijiet tal-produtturi, li jibagħtu lill-awtorità kompetenti kull xahar l-applikazzjonijiet għall-għajnuna mibgħuta lilhom matul ix-xahar ta' qabel mill-organizzazzjonijiet membri tagħhom.

L-għarfien għandu jkun jiddependi fuq l-osservanza tal-kondizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Artikolu 18

Għall-finijiet biex tiġi vverifikata l-konformità mal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jeħtieġu lill-membri tagħhom li jipprovdu kopji tad-dokumenti tat-titolu, kuntratti jew dokumenti oħra li fuq il-bażi tagħhom jamministraw l-imsaġar taż-żebbuġ tagħhom. Dawk il-kopji għandhom jiġu annessi mar-reġistru tal-membri ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi.

Artikolu 19

1. L-organizzazzjonjiet tal-produtturi li jifformaw assoċjazzjoni għandhom ikunu jirrappreżentaw mill-anqas terz tar-reġjuni ekonomiċi riferiti fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84.

2. Il-verifikazzjoni stipulata fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 għandu jkopri 5 % tal-kontrolli mwettqa mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi membri ta' l-assoċjazzjoni. L-assoċjazzjonijiet għandhom iħejju rapport dettaljat dwar kull kontroll imwettaq u għandhom minnufih jibagħtu kopja tiegħu lill-Istat Membru kkonċernat, u lill-aġenzija tal-kontroll jekk ikun hemm il-ħtieġa.

Artikolu 20

1. Qabel l-1 ta' Jannar ta' kull sena tal-*marketing*, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew, fejn xieraq, l-assoċjazzjonijiet tagħhom għandhom jibagħtu d-dikjarazzjonijiet tal-ħsad tal-membri tagħhom u kull emendi fihom lill-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat.

2. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew, fejn xieraq, l-assoċjazzjonijiet tagħhom għandhom jibagħtu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għas-sena tal-*marketing* li tkun għaddejja lill-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat qabel l-1 ta' Awissu ta' kull sena tal-*marketing*. Iżda, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna mibgħuta tard mill-produtturi taż-żebbuġ jistgħu jintbagħtu mill-organizzazzjoni jew assoċjazzjoni sa l-14 ta' Awissu ta' kull sena tal-*marketing*.

3. Wara li jsiru l-kontrolli stipulati fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jibagħtu l-applikazzjonijiet tal-membri tagħhom għall-ħlas bil-quddiem lill-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 21

1. Qabel il-31 ta'April ta' kull sena tal-*marketing*, l-ammonti li ġejjin għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' tbassir għall-għajnuna globali miżmuma skond l-Artikolu 20d tar-Regolament Nru 136/66/KEE u sal-limitu tar-riżorsi prevedibbli għal kull Stat Membru:

(a) l-ammont ta' unità li għandu jiġi allokat lill-assoċjazzjonijiet għal kull organizzazzjoni tal-produtturi membri tagħhom;

(b) l-ammont ta' unità li għandu jiġi allokat lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi għal kull applikazzjoni għall-għajnuna individwali mibgħuta.

Biex jiġi stabbilit in-numru ta' membri ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li għandhom jiġu kkunsidrati biex jiġi applikat il-punt (a), għandhom jiġu kkunsidrati biss il-membri li jkunu bagħtu mill-anqas applikazzjoni waħda lill-organizzazzjoni matul il-perjodu li jkopri s-sena tal-*marketing* attwali u t-tliet snin tal-*marketing* li jiġu qabel.

Il-bilanċ ta' l-għajnuna miżmum skond l-Artikolu 20d tar-Regolament Nru 136/66/KEE għandu jitqassam bejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fuq il-bażi tal-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa li fuqha tingħata l-għajnuna permezz ta' kull organizzazzjoni.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84, fil-każi fejn l-assoċjazzjonijiet ikunu ssodisfaw l-obbligi kollha tagħhom taħt ir-regoli Komunitarji u ma jkunux użaw is-somma kollha miġbura taħt l-arranġament ta' finanzjament stipulat fil-punt (a), huma għandhom jaqsmu l-bilanċ bejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi membri tagħhom fuq il-bażi tan-numru ta' membri ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

2. Iżda, fejn l-għajnuna miżmuma skond l-Artikolu 20d(1) tar-Regolament Nru 136/66/KEE ma tkunx biżżejjed biex jingħataw l-ammonti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1(a) u (b) lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jikkontribwixxu lejn il-ħlas ta' ċerti spejjeż li jinħolqu mill-kontrolli mwettqa minn korpi bħal dawk.

F'każi bħal dawk, l-Istati Membri jistgħu jagħtu somom li jvarjaw minn dawk stipulati fil-paragrafu 1 (a) u (b) lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, iżda fl-ebda ċirkustanza dawn is-somom ta' l-aħħar ma jistgħu jinqabżu.

3. Il-ħlasijiet bil-quddiem kif stabbiliti fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 ma jistgħux jaqbżu:

— fil-każ ta' assoċjazzjonijiet, 70 % tas-somma miksuba permezz tal-multiplikazzjoni ta' l-ammont ta' unità stabbilit għas-sena tal-*marketing* ta' qabel skond il-paragrafu 1(a) bin-numru ta' membri ta' l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi membri, jew

— fil-każ ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, 70 % tas-somma miksuba permezz tal-multiplikazzjoni ta' l-ammont ta' l-unità stabbilit għas-sena tal-*marketing* ta' qabel skond il-paragrafu 1(b) bin-numru ta' applikazzjonijiet previsti.

KAPITOLU 6

Is-sistema ta' informazzjoni ġeografika għall-koltivazzjoni taż-żebbuġ

Artikolu 22

Is-sistema ta' informazzjoni ġeografika għall-koltivazzjoni taż-żebbuġ stipulata fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 1638/98, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-GIS tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ", għandha tkopri l-produtturi taż-żebbuġ li jkunu baġħtu dikjarazzjonijiet tal-ħsad kif stipulat fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament u l-applikazzjonijiet għall-għajnuna kif stipulat fl-Artikolu 12.

Artikolu 23

1. *Database* alfanumerika kompjuterizzata għandha tiġi stabbilita sabiex tiġi rreġistrata l-informazzjoni li ġejja dwar kull biċċa raba' jew biċċa art, skond il-każ:

— l-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-ħsad u l-applikazzjonijiet għall-għajnuna, b'kull emenda li tkun saret fihom,

— il-kwantitajiet ta' żejt taż-żebbuġa u, fejn jgħodd, ta' żebbuġ tal-mejda li għalihom tkun tħallset l-għajnuna,

— l-informazzjoni riferita fl-Artikolu 10(1),

— ir-riżultati tal-kontrolli fuq il-post.

2. Is-sistema alfanumerika għall-identifikazzjoni tal-biċċiet ta' art agrikola għandha tkun l-istess bħal dik użata għas-sistema integrata ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll (IACS), supplimentata, fejn meħtieġ, biex tkopri żoni bis-siġar taż-żebbuġ.

Artikolu 24

1. *Database* kompjuterizzata bir-referenza grafika li jkun fiha l-biċċiet ta' art koperti minn numru sinjifikanti ta' dikjarazzjonijiet għandha tiġi mwaqqfa għall-unitajiet amministrattivi nnominati mill-Istati Membri. Għandha tinkludi it-tliet gruppi ta' informazzjoni grafika li jmiss:

— L-ortofotografiji diġitali,

— il-konfini ta' l-unitajiet amministrattivi u tal-biċċiet ta' art kif murija fir-reġistru ta' l-artijiet jew, fejn l-ebda wieħed ma jkun jeżisti, fis-sistema ta' identifikazzjoni tal-biċċiet ta' art imwaqqfa mill-Istat Membru,

— il-pożizzjoni tas-siġar taż-żebbuġ individwali.

L-Istat Membru għandu jistabbilixxi d-daqs minimu tal-biċċiet ta' art għat-tkabbir taż-żebbuġ li taħtu l-ebda konfini ma għandhom jiġu stabbiliti. Dak id-daqs minimu ma jistax ikun aktar minn 10 *ares*.

Għall-unitajiet amministrattivi mhux inklużi fid-*database* bir-referenza grafika, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema alternattiva sabiex jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet ikunu validi.

2. Id-*database* bir-referenza grafika għandha tapplika sistema ta' proġettazzjoni omoġeneja għall-pajjiż kollu u għandha tiżgura li l-livelli differenti ta' informazzjoni jkunu geometrikament konsistenti fuq l-ispazju u l-ħin.

Id-*database* bir-referenza grafika għandha tiġi aġġornata perjodikament sabiex tiżgura li jkun fiha l-aktar informazzjoni reċenti li tkun disponibbli u li l-ortofotografiji ma jkollhomx aktar minn ħames snin.

3. L-ortofotografiji diġitali għandhom ikunu konformi ma' l-istandards geometriċi tal-kartografija fuq skala ta' 1:10 000 u, mill-*punto di vista* tar-radjometrija, għandhom ikollhom '*pixel size*' massimu ta' metru. Għandhom jikkonformaw ma' l-istandards tas-suq fir-rigward tal-*mosaicking* u t-tonalità.

Il-konfini tal-biċċiet ta' art għandhom ikunu f'sura ta' *raster* jew *vector*, kif disponibbli, konformi ma' l-istandards tal-kartografija fuq skala ta 1:10 000. Fi kwalunkwe każ, is-sistema introdotta għandu jkollha il-proprjetajiet tipoloġiċi meħtieġa biex jingħata aċċess faċli għall-biċċiet ta' art, monitorjar tal-kambjamenti fil-konfini matul l-erba' snin tal-*marketing* ta' qabel u aċċess għall-karatteristiċi tal-biċċiet ta' art fid-*database* alfanumerika.

4. Il-produtturi taż-żebbuġ li jkunu ppreżentaw id-dikjarazzjonijiet tal-ħsad jistgħu jaċċedu għall-informazzjoni fil-bażi tar-referenza grafika u jistgħu, fuq applikazzjoni, jirċievu kopja ta' l-informazzjoni alfanumerika u grafika li tikkonċerna lilhom.

Artikolu 25

1. Iż-żona tal-bċejjeċ ta' art agrikoli u n-numru ta' siġar taż-żebbuġ fil-bażi ta' referenza grafika għandu jiġi stabbilit b'kull mezz addattat kif definit mill-korp kompetenti, b'mod partikolari permezz ta' l-interpretazzjoni fotografika ta' ritratti reċenti mill-ajru, b'riżoluzzjoni għolja ħafna meħuda bis-satellita. Iżda, l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom isiru meta riżultati ċari ma jkunux jistgħu jinkisbu permezz ta' l-interpretazzjoni fotografika.

Is-siġar taż-żebbuġ imxerrda għandhom jiġu identifikati, u l-pożizzjoni tagħhom immarkata bejn wieħed u ieħor.

L-Istati Membri, għandhom jistabbilixxu t-tolleranzi tekniċi fir-rigward tal-preċiżjoni tal-kejl taż-żona u l-għadd tas-siġar, wara li jiġu kkunsidrati d-dokumenti uffiċjali disponibbli u s-sitwazzjoni lokali.

2. In-numri ta' siġar f'kull waħda kif stabbilit b'referenza għad-*database* bir-referenza grafika għandhom jiġu mqabbla ma' l-informazzjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-ħsad inkluża fid-*database* alfanumeriku.

Fejn in-numru ta' siġar taż-żebbuġ iddikjarat fil-biċċa raba' jvarja b'iktar minn 3 % min-numru stabbilit skond il-paragrafu 1, id-dikjarazzjoni tal-ħsad għandha titqies li jkun fiha diskrepanza.

3. Il-produttur taż-żebbuġ kkonċernati għandhom jiġu nnotifikati meta d-dikjarazzjonijiet tagħhom ikollhom diskrepanzi. Il-produttur kkonċernati għandhom jingħataw perijodu ta' żmien sa tliet xhur, fid-diskrezzjoni ta' l-Istat Membru, li fih jagħtu ġustifikazzjonijiet għad-diskrepanza jew, meta informati biha l-ewwel darba, li jemendaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom.

Fuq it-talba tal-produttur, fejn il-ġustifikazzjonijiet mogħtija ma jkunux suffiċjenti biex l-Istat Membru jaċċetta t-tagħrif iddikjarat, emendat fejn jgħodd, għandu jsir kontroll fil-preżenza taż-żewġ partijiet, li l-ispejjeż tiegħu għandhom jiġu ssostnuti mill-produttur jekk it-tagħrif iddikjarat, sew jekk emendat jew le skond l-ewwel subparagrafu, ma jkunx ikkonfermat.

4. In-numru ta' siġar taż-żebbuġ stabbilit għal kull biċċa ta' art għandu jikkorrispondi:

— mat-tagħrif fid-dikjarazzjoni, fejn ikun jgħodd kif emendat skond il-paragrafu 3, fejn ma jinstabux diskrepanzi jew fejn id-diskrepanzi jkunu iżgħar minn dawk stabbiliti skond il-paragrafu 1,

— għat-tagħrif stabbilit skond il-paragrafu 1, fejn il-produttur taż-żebbuġ ikun naqas milli jirrispondi fil-perijodu mogħti permess wara li tkun ġiet innotifikata diskrepanza,

— għat-tagħrif irreġistrat wara l-kontroll stipulat fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, f'każijiet oħra.

5. Iż-żoni kkalkulati skond il-paragrafu 1 u n-numru ta' siġar taż-żebbuġ stabbilit għal kull biċċa art, u t-totali għal kull proprjetà agrikola, għandhom ikunu rreġistrati fid-*database* alfanumerika.

Artikolu 26

1. Il-GIS tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ ta' Stat Membru jew reġjun għandu jitqies li ġie kkompletat malli, għaż-żona in kwistjoni:

(a) id-*database* alfanumerika stipulata fl-Artikolu 23(1) tinkludi l-informazzjoni dwar id-dikjarazzjonijiet kollha tal-ħsad u l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-aktar sena tal-*marketing* reċenti;

(b) fid-*database* bir-referenza grafika kif stipulat fl-ewwel u t-tieni subagrafu ta' l-Artikolu 24(1) jagħti l-pożizzjoni tal-biċċiet ta' art kollha koperti mid-*database* u inklużi fid-*database* alfanumerika;

(ċ) in-numri ta' siġar taż-żebbuġ fuq il-biċċiet ta' art fid-*database* li għaliha jirreferi l'(a) fid-*database* li għaliha ssir referenza fil-(b) ikunu ġew imqabbla skond l-Artikolu 25(2) u n-numru ta' dikjarazzjonijiet li jkollhom diskrepanzi li jagħmluha impossibli li jiġi stabbilit it-tagħrif li għandu jiġi rreġistrat skond l-Artikolu 25(4) jirrappreżentaw anqas minn 5 % tad-dikjarazzjonijiet kollha tal-ħsad.

2. Mingħajr preġudizzju għar-riżultati tal-verifikazzjonijiet magħmula matul it-tisfija tal-kontijiet tal-EAGGF, in-nefqa fuq it-twaqqif tal-GIS u l-aġġornar perjodiku tad-*database* bir-referenza grafika għandu jkun eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju għas-snin tal-*marketing* 1998/99, 1999/2000 u 2000/01.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri nazzjonali meħuda skond l-Artikoli 23 sa 26.

Qabel l-1 ta' Jannar 1999 l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni tas-SIĠ għall-koltivazzjoni taż-żebbuġ kif tkun fl-1 ta' Novembru 1998.

Sa l-1 ta' Novembru 1999 il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jekk il-GIS għall-koltivazzjoni taż-żebbuġ għal kwalunkwe reġjun jew Stat Membru tkunx ġiet ikkompletata fuq il-bażi ta' rapport mill-Istat Membru kkonċernat skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 38 tar-Regolament 136/66/KEE.

KAPITOLU 7

Kontrolli

Artikolu 27

1. Il-*files* permanenti kompjuterizzati tat-tagħrif tal-produzzjoni taż-żebbuġ u taż-żejt taż-żebbuġa stipulati fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 għandhom jinkludu:

(a) id-*database* alfanumerika u d-*database* bir-referenza grafika tas-SIĠ tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ stipulati fl-Artikoli 23 u 24 u r-riżultati tal-kontrolli stipulati fl-Artikolu 25;

(b) il-*files* tat-tħawwil ġdid li jkun fihom l-informazzjoni riferita fl-Artikolu 5 u r-riżultati tal-kontrolli stipulati fl-Artikolu 29;

(ċ) il-*files* ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom li jkollhom l-informazzjoni li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 16(2)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84;

(d) il-*files* ta' l-imtieħen li jkun fihom informazzjoni fuq il-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni li għalihom issir referenza fl-Artikolu 7, ir-reġistri tal-ħażniet stipulati fl-Artikolu 8 u r-riżultati tal-kontrolli stipulati fl-Artikolu 30;

(e) il-*files* taż-żoni ta' produzzjoni omoġeneja li jkun fihom l-informazzjoni li għaliha ssir referenza fl-Artikolu 6.

2. Il-*files* li għalihom issir referenza fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tad-*database* bir-referenza grafika, għandhom jippermettu mill-anqas li t-tagħrif tas-sena kurrenti tal-*marketing* u ta' l-erba' snin li jiġu qabel jiġu kkonsultati direttament u immedjatament.

L-Istati Membri jistgħu jwaqqfu *files* deċentralizzati jekk dawn ta' l-aħħar ikunu ta' disinn omoġeneju, ikunu kumpatibbli ma' xulxin u jkunu aċċessibbli ċentralment fl-aġenzija tal-ħlas u l-aġenzija tal-kontroll. Il-GIS tal-koltivazzjoni taż-żebbuġ għandha tkun kompatibbli ma' dawk tas-sistema integrata.

Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-produtturi taż-żebbuġ, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, l-imtieħen u ż-żoni ta' produzzjoni omoġeneja għandu jew jiġi assenjat lill-persuni individwali jew lill-korpi kkonċernati darba għal dejjem jew awtomatikament konvertibbli biex jiġi permess il-ġbir u t-tfittxijiet fuq il-ħames snin tal-*marketing* riferiti fl-ewwel subparagrafu li jitwettqu immedjatament.

Minħajr preġudizzju għall-kontrolli li jridu jitwettqu, b'mod partikolari l-kontrolli kontrapposti bejn il-*files*, u r-riżultati li għandhom jiġu nnotifikati, il-*files* għandu jkun fihom arkivji tat-tagħrif storiku disponibbli għas-snin tal-*marketing* li jiġu qabel dawk riferiti fl-ewwel subparagrafu u, mill-31 ta' Ottubru 2001 l-aktar tard, għandhom jippermettu li l-informazzjoni li tkun tinsab fihom:

— tkun awtomatikament miġbura fil-livelli reġjonali u f'dak ta' l-Istati Membri,

— tkun awtomatikament imqabbla bejn il-*files*.

Artikolu 28

1. Mis-sena tal-*marketing* 1998/99,

(a) il-kontrolli tad-dikjarazzjonijiet tal-ħsad għandhom jinvolvu ta' l-anqas:

— tqabbil mat-tagħrif fid-*database* bir-referenza grafika u, fejn jgħodd, aġġustamenti skond l-Artikolu 25,

— kontrolli kontrapposti sabiex jintwera li l-biċċiet ta' art iddikjarati tassew jeżistu u sabiex jipprevjenu kull duplikazzjoni ta' l-għajnuna mogħtija taħt din l-iskema jew taħt xi skemi oħra ta' l-għajnuna li jinvolvu dikjarazzjonijiet taż-żoni;

(b) il-kontrolli ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom jinvolvu l-verifikazzjonijiet li għalihom issir referenza fit-tieni u t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 14(3a) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84.

Il-kontrolli biex jiġi żgurat li d-dikjarazzjonijiet tal-ħsad u l-applikazzjonijiet għall-għajnuna jaqblu għandhom b'mod partikolari jikkunsidraw:

— il-produzzjoni taż-żebbuġ u taż-żejt stabbilita skond l-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament għaż-żona li fiha il-biċċa jew biċċiet ta' raba' ta' l-oriġini taż-żebbuġ magħsur ikunu pożizzjonati;

— il-medja tal-produzzjoni taż-żebbuġ u taż-żejt fil-muniċipalitajiet fejn il-proprjeta' jew proprjetajiet agrikoli ta' l-oriġini taż-żebbuġ magħsur ikunu pożizzjonati, jekk produzzjonijiet bħal dawn ikunu disponibbli fl-Istati Membri.

Fil-każijiet fejn il-kontrolli mwettqa taħt l-ewwel subparagrafu jikxfu inkonsistenzi, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 25(2) u (3) għan-numru ta' siġar taż-żebbuġ għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-informazzjoni anomala jew nieqsa l-oħra. Iżda, il-kwantità ta' żejt li għaliha tkun ġiet mitluba l-għajnuna ma tistax tinbidel.

2. Minkejja l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, fir-reġjuni fejn is-SIĠ ma jkunx għadu ġie kkompletat, l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom jitwettqu fuq 1 % tad-dikjarazzjonijiet tal-ħsad kollha fis-sena tal-*marketing* 1998/99, 5 % fl-1999/2000 u 10 % fl-2000/01.

Mill-anqas żewġ terzi tad-dikjarazzjonijiet li għalihom issir referenza fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu dikjarazzjonijiet li ma jkunux ġew ikkontrollati fuq il-post matul is-sentejn tal-*marketing* ta' qabel.

3. Matul il-kontrolli fuq il-post, l-informazzjoni kollha fuq id-dikjarazzjonijiet tal-ħsad u l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom jiġu vverifikati, u b'mod partikolari:

— il-pożizzjoni ta' kull biċċa art u n-numru ta' siġar taż-żebbuġ li jkun hemm fiha,

— id-destinazzjoni taż-żejt fil-każ li għalih issir referenza fl-Artikolu 10(1),

— il-konsistenza bejn is-siġar taż-żebbuġ fil-proprjetajiet agrikoli u l-kwantità ta' żejt kopert mill-applikazzjonijiet għall-għajnuna.

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna li jispeċifikaw kwantità inkosistenti ta' żejt għandhom jiġu rrifjutati.

4. Għal kull sena tal-*marketing* mill-1998/99, għandu jiġi stabbilit perċentwali, fejn jgħodd, għan-numru ta' siġar iddikjarati 'l fuq min-numru ta' siġar stabbilit skond l-Artikolu 25(4) jew misjub matul il-kontrolli li għalihom issir referenza fil-paragrafi 1 u 2.

Dak il-perċentwali f'dak li għandu x'jaqsam man-numru ta' siġar stabbilit għandu jkun ugwali għad-differenza bejn in-numru ta' siġar iddikjarati u n-numru stabbilit, fejn dik id-differenza tkun akbar minn żero, immultiplikat b'100.

Artikolu 29

1. Fejn il-provi ma jkunux suffiċjenti jew fejn ikun hemm id-dubju, l-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli fuq il-post qabel l-1 ta' Novembru 1999 tad-dikjarazzjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 5(1).

L-operazzjonijiet ta' tħawwil u ta' tneħħija ta' l-għeruq imwettqa fil-perjodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru 1998 għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' l-informazzjoni kollha li għandha tiġi fornuta mill-produtturi, fuq it-talba ta' l-aġenzija kompetenti ta' l-Istat Membru, u tas-sitwazzjoni misjuba fuq il-post, b'mod partikolari fir-rigwad tad-daqs tas-siġar. Meta l-kontrolli kollha jkunu saru, il-produtturi għandhom jingħataw il-benefiċċju tad-dubju.

2. Mill-anqas 10 % tad-dikjarazzjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 5(2) u (3) f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull sena tal-*marketing* għandu jiġi kkontrollat qabel it-tmiem tas-sena tal-*marketing* li jmiss.

Artikolu 30

1. Mis-sena tal-*marketing* 1998/99, il-kontrolli kif stipulati fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2261/84 għandhom jinkludu kontroll fil-fond tal-konsistenza ta' l-informazzjoni u t-tagħrif fornut għal kull sena tal-*marketing* minn ta' l-anqas 30 % ta' l-imtieħen approvati magħżula fuq il-bażi ta' l-analiżi tar-riskju. Iżda, in-numru ta' kontrolli f'kull Stat Membru m'għandux ikun anqas min-numru ta' kontrolli mwettqa fuq l-imtieħen fis-sena tal-*marketing* 1997/98.

B'żieda, biex jiġi stabbilit li l-informazzjoni tiġi rreġistrata u li l-kondizzjonijiet għall-approvazzjoni ikunu tħarsu, kontrolli ta' malajr għandhom jitwettqu fil-perċentwali li ġejjin ta' l-imtieħen ta' l-anqas:

— 5 % fl-1998/99,

— 10 % fl-1999/2000,

— 20 % fl-2000/01.

2. Il-kontrolli fil-fond għandhom jinkludu:

(a) spezzjoni fuq il-post tat-tagħmir, tal-kwantitajiet u tipi ta' prodotti maħżuna, il-kontijiet u dokumenti oħra relevanti;

(b) tqabbil bejn id-diversi tagħrif fornut mill-imtieħen jew disponibbli minn sorsi oħra, b'mod partikolari tal-provvisti, id-destinazzjoni taż-żejt u tal-fdalijiet taż-żebbuġ, il-konsum tad-dawl u l-ilma u l-haddiema impjegati;

(ċ) tqabbil bejn il-kwantitajiet fir-reġistri tal-ħażniet u l-kwantitajiet globali fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna ppreżentati mill-produtturi taż-żebbuġ ikkonċernati;

(d) il-kontrolli l-oħra riferiti fl-Artikolu 8, l-analiżi tal-kampjuni riferit fl-Artikolu 8(a) għandu jitwettaq għal ta' l-anqas fuq 25 % tal-kampjun meħuda.

3. Barra minn hekk, għal ta' l-anqas 10 % tal-kontrolli fil-fond, l-Istat Membru għandu jikkontrolla l-fornituri ta' oġġetti jew servizzi jew il-kunsinnatarji taż-żejt jew il-fdalijiet taż-żebbuġ riferiti fl-Artikolu 10 jew fl-Artikolu 9(1)(g) rispettivament.

Jekk il-kunsinnatarju taż-żejt jew tal-fdalijiet taż-żebbuġ jirrifjuta li jissottometti ruħu għall-kontroll, jew jekk il-korp kompetenti jkollu provi li juru li l-kunsenja taż-żejt jew tal-fdalijiet taż-żebbuġ in kwistjoni ma kinitx ittieħdet:

— fil-każ riferit fl-Artikolu 10(1), huwa għandu jkun obbligat li jħallas lill-Istat Membru somma d-doppju ta' dik ta' l-għajnuna għall-kwantità ta' żejt ikkonċernata,

— fil-każ riferit fl-Artikolu 10(2), l-Istat Membru għandu japplika penali proporzjonata mal-kwantità ta' żejt ikkonċernata.

Is-somom miġbura mill-Istat Membru għandhom jitnaqqsu mill-ispiża tal-Fond Ewropew tal-Konsulenza u l-Garanzija fl-Agrikoltura mill-korpi li jħallsu jew dipartimenti fl-Istat Membru.

Artikolu 31

Fejn aġenzija tkun fdata bix-xogħol li twettaq kontrolli kif stipulati f'dan ir-Regolament, kontrolli bħal dawn għandhom jintwerew fil-programm ta' xogħol imfassal skond l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KEE) Nru 27/85.

Minkejja l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 27/85, il-programm ta' xogħol għas-sena tal-*marketing* 1998/99 għandu jkun aġġustat kif ikun meħtieġ u ppreżentat lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Diċembru 1998 għall-approvazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 1999. Il-programm aġġustat u l-estimi korrispondenti għandhom jiġu approvati definittivament mill-Istat Membru kkonċernat sal-15 Jannar 1999 l-aktar tard.

KAPITOLU 8

Ġenerali

Artikolu 32

L-Istati Membri produtturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jinfurmaw lill-produtturi taż-żebbuġ, lill-imtieħen u lill-operaturi l-oħra kkonċernati bil-penali stipulati fi jew skond ir-regolamenti tal-Komunità, b'mod partikolari fil-każijiet fejn id-dikjarazzjonijiet tal-ħsad jew l-applikazzjonijiet għall-għajnuna ma jikkorispondux mal-verità.

L-Istati Membri produtturi għandhom jibagħtu d-disposizzjonijiet adottati skond dan ir-Regolament quddiem il-Kummissjoni immedjatament.

Qabel l-1 ta' Jannar 2000 u l-1 ta' Jannar 2001, l-Istati Membri produtturi għandhom jippreżentaw rapport sommarju tan-numru ta' kontrolli mwettqa taħt l-Artikoli 28, 29 u 30, in-numru ta' każi fejn kien hemm il-ħtieġa ta' aġġustamenti, b'indikazzjoni ta' l-informazzjoni jew kwantitajiet ikkonċernati, u l-penali imposti jew li qed jiġu kkunsidrati, flimkien ma' stima qasira ta' l-arranġamenti tal-kontrolli mwaqqfa u xi diffikultajiet li jkunu ltaqgħu magħhom.

Artikolu 33

Ir-Regolament (KEE) Nru 2276/79 huwa mħassar b'effett mil-1 ta' Novembru 1999.

Ir-Regolament (KEE) Nru 3061/84 għandu jkompli japplika biss għall-miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' snin tal-*marketing* qabel l-1998/99 sal-31 ta' Ottubru 1999. Huwa ġie mħassar b'effett mill-1 ta' Novembru 1999.

Artikolu 34

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Ottubru 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni